MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 26/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sandra Sant Manduca**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sandra Sant Manduca talli ghan-nom u in rappresentanza ta' San Pedro International Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att gewwa Mdina Experience – Misrah Mequita – Mdina, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, fl-24 ta' Frar 2010 fir-rigward tal-biljetti mibjugha ghad-dhul, zammet taxxa fuq il-valur mizjud bir-

rata ta’ 5% minflok dik ta’ 18% u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-Tlettax-il Skeda u l-artikoli 51, 77, (a) u (e) u 82 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta’ l-istess Kapitolu 406 sabet lill-imsemmija Sandra Sant Manduca hatja ta’l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkundannatha multa ta’ €800;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Sandra Sant Manduca pprezentat fit-28 ta’ Jannar 2011 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha mill-imputazzjoni dedotta kontra taghha;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet ix-xiehda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti m’ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti; (2) li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija minhabba li kien hemm oggettivament dubju ragjonevoli favur l-appellanti. Skond l-appellanti l-akkuza hi intempestiva peress li kien hemm pendenti appell
Quddiem il-Bord ta’ l-Appell Taxxa fuq il-Valur Mizjud wara li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hareg *assessments* a bazi ta’ 18%.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellanti tispjega li l-attivita` taghha hija ta’ muzew. Min ihallas biex jidhol fl-Mdina Experience jidhol go dar antika u bhalma jsi fil-muzewijiet kollha tad-dinja, ikun hemm *audio-visual presentation*. L-attivita` taghha m’ghandha x’taqsam xejn ma’ cinema. Il-kultura hija *by-product*, anzi l-enfazi hiaj l-istorja, tghid l-appelalnti, u aktar specifku l-istorja ta’ l-Mdina. B’hekk, issostni l-appellanti, m’ghandhiex bzonn awtorizzazzjoni mill-Ministru tal-Finanzi dwar jekk l-attivita` taghha hija

kulturali jew le. Il-kwistjoni kollha hija jekk fit-8 ta' Novembru 2008 kinitx qed izzomm illegalment 5% minflok 18%, u di piu` l-prosekuzzjoni trid tipprova li l-appellanti kienet taf li l-attvita` taghha ma jaqax taht l-eccezzjoni, izda xorta kienet qieghda zzomm 5%.

**7.** Jigi osservat l-ewwelnett illi r-rata ta' 5% VAT hija applikabbli, *inter alia*, ghal "id-dhul ghal muzewijiet, esibizzjonijiet artistici, kuncerti, teatri"; dan skond it-Tmien Skeda tal-Kap. 406. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-attivita` ta' l-appellanti ma taqa' taht ebda wahda minn dawn l-erba' attivitajiet. Il-Bord ta' l-Appelli Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, b'decizjoni tas-7 ta' Ottubru 2010, kien tal-fehma li "audio-visual shows" ta' natura kulturali jitqiesu bhala attivita` "teatrali". Minn din id-decizjoni hemm appell pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri).

**8.** Jidher illi l-kontenzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija li l-attivita` ta' l-appellanti hija dik ta' cinema. L-appellanti tghid illi dak li persuna thallas biex tara mhuwiex biss l-prezentazzjoni awdjo/vizwali bl-isem ta' Mdina Experience (dejjem l-istess prezentazzjoni u mhux, bhal f'cinema, li tinbidel kull ftit gimghat), izda d-dar stess fejn issir din il-prezentazzjoni, fejn allura hemm kollezzjoni ta' oggetti li n-nies jistghu jaraw, u dan minbarra *staff* li huma libsin b'kostumi antiki. Dan certament mhuwiex dak li wiehed jistenna f'cinema.

**9.** L-appellanti giet akkuzata illi harget ircevuti li kienu jqarrqu f'rigward materjali. Din il-Qorti hi tal-fehma illi minn imkien ma jirrizulta illi l-appellanti b'xi mod riedet tqarraq a detriment tal-*fisco*. Difatti qabel ma bdiet tohrog l-ircevuti, tramite l-*accountant* taghha li kkuntattja lid-Dipartiment koncernat, hija giet mgharrfa li l-VAT kellu jkun ta' 5%.

**10.** F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma li l-appell jimmerita akkoljiment.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti

mhux hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u b’hekk tilliberaha minn dik l-imputazzjoni u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------